**16 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino, B.A. (Hons.), LL.D. - President**

Dottor Remigio Zammit Pace, bħala segretarju, għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Elmo Insurance Services Limited u din rappreżentanti s-soċjetà estera Sun Alliance & London Insurance plc. surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Joseph Mompalao Depiro u l-istess Joseph Mompalao Depiro

*versus*

Carmen Grima

**Inċident Awtomobilistiku - Danni -Veloċità - *Proper Look Out - Side Road User***

*Il-Qorti ta' l-Appell minn eżami tal-provi waslet għall-konklużjoni illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli għall-inċident. Saret referenza għall-prinċipji u l-ġurisprudenza illi* side road user *għandu d-dover li jżomm* a proper look out *u li anke jekk tirriżulta xi eċċess ta' veloċità marginali, dan waħdu mhux biżżejjed biex tiġi akkolta xi responsabbilità lil* main road user *għall-inċident.*

Il-Qorti:-

L-atturi *proprio et nomine* pproċedew b'dan l-avviż quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra l-konvenuta għal-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' danni konsegwenzjali għall-inċident stradali;

"Rat l-avviż li bih l-attur talab illi l-konvenuta tħallas is-

somma ta' mija, ħamsa u għoxrin lira, disa' u erbgħin ċenteżmu (Lm125.49) in kwantu għal mitt lira disa' u erbgħin ċenteżmu (Lm100.49) lill-attur Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* u in kwantu għal ħamsa u għoxrin lira (Lm25) lill-attur Joseph Mompalao Depiro, jew ammonti verjuri, bħala danni lill-konvenuta kkaġunati in segwitu għal inċident awtomobilistiku li ġara fi Triq Birbal, Ħal Balzan, fis-17 ta' Jannar, 1993 meta l-konvenuta kienet qed issuq vettura numru E-6121 waqt li l-attur Joseph Mompalao Depiro kien isuq karozza numru N-9895 prevja d-dikjarazzjoni li għal dan l-inċident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-15 ta' Ġunju, 1993, dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Settembru, 1993 u dawk ta' l-ittra uffiċjali lill-assikurazzjoni ppreżentata ma' l-avviż u bl-imgħax legali mid-data ta' l-avviż kontra l-konvenuta li ġiet inġunta għas-subizzjoni";

Il-konvenuta hekk eċċepiet għat-talbiet ta' l-atturi:

"Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana stante li l-inċident awtomobilistiku li ġara fi Triq Birbal, Ħal Balzan fis-17 ta' Jannar, 1993 fejn allegatament soffriet danni l-karozza ta' l-attur Joseph Mompalao Depiro ma seħħx ħtija tal-konvenuta Carmen Grima;

Illi l-eċċipjent ma kellha l-ebda tort jew ħtija fil-kwistjoni u għaldaqstant ma hemmx danni x'jiġu llikwidati favur l-atturi fil-konfront ta' l-eċċipjent u x'jitħallas minnha";

Il-konvenuta pprovalixxiet ruħha mill-avviż kontra tagħha biex tagħmel is-segwenti kontro-talba:

"Illi in segwitu għall-inċident awtomobilistiku li ġara fi Triq Birbal, Ħal Balzan fis-17 ta' Jannar, 1993 waqt li l-istess attur Joseph Mompalao Depiro kien isuq il-vettura N-9895 huwa ħabat mal-vettura E-6121 misjuqa mill-konvenuta Carmen Grima u kkaġunalha danni fil-vettura tagħha għal-liema inċident u danni l-attur Joseph Mompalao Depiro huwa unikament responsabbli;

Illi għalhekk l-attur Joseph Mompalao Depiro għandu jgħid għaliex din il-Qorti ma għandhiex tikkundannah jersaq *għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnu kkaġunati in segwitu* għal fuq imsemmi inċident awtomobilistiku;

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'sentenza *tal-15 ta'* Novembru, 1996 iddeċidiet billi kkundannat lill-konvenuta *tħallas lill-atturi nomine* s-somma *ta' Lm69.11 spejjeż tal*-kawża, tliet kwarti kontra l-konvenut u kwart kontra l-atturi *nomine*, bl-imgħax minn dakinhar. Dana wara li waslet għall-konklużjoni *li r-responsabbilità għall-kollizjoni hija ta' tliet* kwarti lill-konvenuta u kwart lill-attur Mompalao Depiro;

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Għalhekk jirriżulta li meta l-konvenuta ħarġet minn Triq *il-Kannizzati għal Triq Birbal kienet għadha kif iddrittat saret* il-kollizjoni billi Mompalao baqa' dieħel b'quddiem lemini tiegħu fuq wara tax-xellug tagħha. Ta' min jinnota li għalkemm l-*ispot of impact* ma jidhirx dettaljatament indikat fl-iskizz a fol. 26 tal-proċess jirriżulta li l-kollizjoni ġiet kważi faċċata tat-Triq tal-Kannizzata b'mod li jidher ċar li mhix il-konvenuta ħarġet u mxiet fit-triq iżda l-kollizjoni *ġrat mill-ewwel li ħarġet fit-triq*. Wieħed irid ikompli jżid ma' dan il-fatt li l-vettura tal-konvenuta, kif xehdet hi stess xi ftit imxiet 'il quddiem kawża tal-ħabta;

Issa l-konvenuta kellha obbligu li qabel ma toħroġ għal Triq Birbal hi, tesplora t-triq sewwa u toħroġ biss jekk it-triq kienet mingħajr traffiku. Dan ma jidhirx li għamlitu sewwa għax kieku ma kinitx tiġri l-kolliżjoni u hawn il-konvenuta għandha ċertament il-ħtija;

Min-naħa l-oħra l-kolliżjoni ġrat billi Mompalao laqat il-vettura tal-konvenuta fuq wara mhux fuq il-ġenb u dan juri li ċertu *speed* kellu għax kieku kien jilħaq jieqaf għax il-konvenuta kienet laħqet kważi ddrittat. Bilfors li jew, kellu xi ftit veloċità jew li ma kienx attent biżżejjed;

Illi din il-Qorti waslet għall-konklużjoni li r-responsabbilità tal-ħtija tal-kolliżjoni hija tliet kwarti (3/4) tal-konvenuta u kwart (1/4) ta' Mompalao;

Dwar il-likwidazzjoni ta' danni ġew esebiti riċevuti mill-attur għall-ammont ta' Lm117.49 u mill-konvenuti għal Lm76 u ċjoè Lm193.49 b'kollox. Tliet kwarti ta' dan l-ammont u ċjoè Lm145.11 iridu jitħallsu mill-konvenuta li ġà ħallset Lm76 għat-tiswija tal-vettura tagħha li għalhekk fadlilha tħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' Lm69.11 li minnhom Lm15 huma dovuti lill-attur Mompalao u l-bilanċ hu dovut lil Elmo Insurance Services Limited";

Appellaw minn din is-sentenza l-atturi li jsostnu l-aggravji tagħhom illi l-ħtija tal-kolliżjoni kellha tiġi akkollata unikament fuq il-konvenuta illi qabel ma ħarġet minn Triq Birbal ma esploratx it-triq sewwa. Qabdet u ħarġet bla ma żammet *a proper look out* meta fit-triq kien hemm għaddejja viċin il-karozza ta' l-attur Mompalao Depiro. Dana nonostante li hi stess xehdet illi setgħet tara sew fuq ix-xellug tagħha fit-tul. Tgħid li: "malli ħriġt minn fejn kont ġejja l-karozza l-oħra sibtha mill-ewwel fuqi";

L-appellanti jsostnu illi l-Ewwel Qorti kienet għamlet apprezzament ħażin tal-liġi meta addebitat parti mir-responsabbilità fuq l-attur Mompalao Depiro fuq il-motivazzjoni skorretta li "l-kolliżjoni ġrat billi Mompalao laqat il-vettura tal-konvenuta fuq wara u mhux fuq il-ġenb li dan juri li ċertu *speed* kellu għax kieku kien jilħaq jieqaf għaliex il-konvenuta kienet laħqet kważi ddrittat. Bilfors li jew kellu xi ftit veloċità jew li ma kienx attent biżżejjed";

Eżami tar-riżultanzi proċesswali juru li l-appell hu għal kollox ġustifikat. Is-sentenza appellata hi infatti waħda approssimattiva bbażata fuq speċi ta' ekwità li taddebita xi biċċa mill-ħtija fuq l-attur - li kien indubbjament il-*main road user* - fuq ipotesijiet u konġetturi u mhux fuq iċ-ċertezza tal-fatti jew almenu ir-raġonevolezza fuq bażi ta' probabilitajiet li jridu neċessarjament ikunu l-ġustifikazzjoni għall-addebitu tar-responsabbilità. Biżżejjed jingħad li s-sentenza appellata timmaġina li bilfors li kien hemm veloċità da parti ta' Mompalao bla ma hemm l-ebda traċċja ta' prova li tissuffragha. La hemm *brake marks*, la hemm nuqqas ta' kontroll tal-vettura, la hemm ħsarat estensivi li jimplikaw li l-veloċità żejda ġiet assorbita mid-daqqa. Għall-kuntrarju kollox jindika li din kienet kolliżjoni sempliċi ta' entità żgħira fejn *side road user* hareġ intempestivament bla galbu u bla ma żamm *a proper look out* għal fuq it-triq prinċipali u mingħajr ma esplora t-triq kif hu d-dover tiegħu li jagħmel. Il-provi kollha juru indiskutibbilment illi din il-manuvra inkonsulta tal-konvenuta issorprendiet lill-attur Mompalao li ma kellu lanqas żmien materjali biex jirreaġixxi billi jagħfas il-*brake* u jieħu azzjoni evażiva. Dan għaliex hu ovvju illi l-konvenuta ħarġet fuq il-*main road* meta l-attur Mompalao kien diġà f'distanza avviċinata għaliha u li kieku verament l-attur Mompalao Depiro kien qed isuq b'veloċità anke in eċċess għal dak ta' 20 mil fis-siegħa li hu stess jaċċetta, ċertament l-impatt fin-nuqqas ta' *brake* kien ikun ferm akbar u l-ħsarat ferm iżjed minn dawk f'din il-kawża

rreklamati. Hu sorprendenti kif l-Ewwel Qorti ma tatx piż determinanti lill-ammissjoni ta' l-istess konvenuta li hi fl-ebda ħin qabel il-ħabta ma rat lil Mompalao Depiro ġej fuq ix-xellug tagħha fuq it-triq prinċipali avolja hi stess taċċetta illi f'dik id-direzzjoni hi kellha viżwali fid-dritt u fit-tul. Hu ovvju illi kienet il-konvenuta li kellha l-obbligu li mhux biss iżżomm *a proper look out* bħala *side road user* imma kellha ukoll l-obbligu li taċċerta ruħha li bl-ebda mod ma tfixkel is-sewqan ta' l-utenti fuq it-triq prinċipali. Kellha d-dover li ma tażżardax tirfes fuq dik il-karreġġjata qabel tkun ċerta li setgħet tagħmel dan *bla ma tkun ta' perikolu għal dak it-traffiku. U jekk* jirriżulta - kif indubbjament irriżulta fil-każ in eżami - illi din ir-regola kardinali tas-sewqan ma ġietx osservata u li s-*side road user* ħarġet għal fuq il-*main road* b'mod inkonsult u ażżardat dan kellu neċessarjament iwassal bħala regola biex is-*side road user* tiġi akkollata bir-responsabbilità sħiħa ta' l-akkadut. Atteġġjament divers mill-ġudikant ma jistax ma jġibx anarkija fis-sewqan u inċertezza fir-regoli li jiggvernawh anke f'dawk elementari fosthom dik li timponi fuq is-*side road user* li jagħti d-dritta lil *main road user*. Ma tirriżulta l-ebda traċċja ta' prova illi l-attur Mompalao Depiro kien xi *main road abuser* li kien qed isuq b'xi mod irresponsabbli u non kuranti tat-traffiku l-ieħor fit-triq. Din il-Qorti allura ma tifhimx kif l-Ewwel Qorti setgħet taddebita xi responsabbilità kontributorja lill-attur Mompalao Depiro meta din ma kellhiex tirriżulta. Ċertament hi stabbilita u ben nota l-ġurisprudenza li anke kieku kellu jirriżulta xi eċċess ta' veloċità marġinali - kif żbaljatament issuġġerit mill-Ewwel Qorti - dan waħdu ma kienx ikun biżżejjed biex tiġi akkollata xi responsabbilità lil *main road user* għall-inċident. Kien ikollu jirriżulta - kif żgur ma jirriżultax fil-każ taħt eżami - illi tali eċċess ta' veloċità kien posittivament ikkontribwixxa għas-sinistru billi jkun jirriżulta li tali eċċess kien ukoll kawża prossima u immedjata ta' l-inċident. Konsiderazzjonijiet dawn li l-Ewwel Qorti ma jidhirx li kkunsidrat fid-deliberazzjonijiet pjuttost approssimattivi

tagħha;

"Però kif ġie kostantement ritenut fil-ġurisprudenza f'ċirkostanzi simili għal dak in eżami, eċċess ta' veloċità tal-*main road user* (anke kieku biss għall-grazzja ta' l-argument kellu jiġi konċess) ma għandux jitqies bħala determinanti jew kontributorju għar-responsabbilità għas-sinistru. Ċertament li l-kawża prossima u mmedjata ta' l-inċident kienet il-mod inkonsult kif il-konvenut ittanta jittraversa t-triq ta' l-attur (u joħroġ għal fuq it-triq prinċipali) u mhux xi eċċess ta' veloċità da parti ta' dan ta' l-aħħar" (**Mehmet Kasap *vs* Edgar Ellul**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ottubru, 1993);

Għal dawn il-motivi l-appell hu milqugħ u s-sentenza appellata qed tiġi rriformata billi din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu rriteniet illi l-attur Mompalao Depiro kien responsabbli għall-inċident stradali meritu tal-kawża fi grad ta' kwart (1/4) u invece tiddikjara li l-konvenuta kienet unikament respnosabbli għall-istess inċident. Tillikwida d-danni kollha konsegwenzjali għall-inċident sofferti mill-attur Mompalao Depiro fis-somma ta' Lm117.49 li minnha s-somma ta' Lm25 kienet dovuta li titħallas lill-istess Mompalao Depiro bħala eċċess u l-bilanċ ta' Lm92.49 lill-attur *nomine* kif surrogat fid-drittijiet ta' l-istess attur Mompalao Depiro assigurat mad-ditta assiguratriċi minnu rappreżentata, tikkundanna lill-konvenuta biex tħallas lill-atturi dawn l-ammonti kif qed jiġu hekk illikwidati. Konsegwentement tiċħad ukoll l-appell inċidentali intavolat mill-appellata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu tal-konvenuta appellata. Jiddekorru l-imgħax fuq l-ammont b'din is-sentenza kanonizzat mid-data tan-notifika ta' l-avviż lill-konvenuta sad-data ta' l-effettiv pagament, dana billi l-istess avviż li ġiet interpellata tħallas ammont determinat sostanzjalment identiku

ghal dak li din is-sentenza kkanonizzat.